MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2014

Numru. 243/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**SARA STEER CHETHAM**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **SARA STEER CHETHAM,** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bint Roy u Carla nee' Degabriele, imwielda Pieta' nhar il-11 ta' Awwissu 1989, residenti Flat 10, Flats Indipendenza, Binja Ghenieq, Triq il-Hamrija, Naxxar, u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' numru 398389(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli fit-22 ta' Jannar, 2014 ghal habta ta' bejn l-erbgha u nofs u l-hamsa nieqes ghaxra ta' wara nofsinhar, gewwa Triq id-Difisa Civili, Mosta:

a) Volontarjament ghamlet hsara li jammonta ghal madwar mija erbgha u sebghin ewro (€174.00) u dan ghad-detriment ta' Ahmad Kasem;
b) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom fedina penali tal-imputata, estratt mill-att tat-twelid tal-imputata u l-kunsens tal-Avukat Genrali datat 27 ta' Frar 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe' lill-parte civile Ahmad Kasem jghid illi l-vettura mertu tal-kawza tal-ghamla Renault numru ta' registrazzjoni DBJ 974 tappartjeni lilu pero' ma kinitx fil-pussess tieghu.

Semghet lil Antoine Vella rapprezentant ta' Auto Sales Limited jikkonferma l-istima esebita fl-atti a fol 2 u jghid illi l-ammont ta' mija erbgha u sebghin ewro (€174.00) jirraprezenta l-hsara sabiex tigi mibdula t-tieqa ta' wara ta' din il-vettura.

Semghet lil Kane Zammit jixhed u jghid illi huwa kien l-gharus tal-imputata li qed jaghraf prezenti fl-awla u kkonferma illi dakinhar tal-21 ta' Jannar, 2014 huwa kien in kumpanija tal-imputata meta kellu xi jghid maghha ghaliex kien allega li raha gewwa vettura ma' ragel iehor. Waqt li kien il-Mosta hija nizlet mill-karozza qabdet gebla u tefghetha lejn il-karozza Renault li huwa kien riekeb. Ikkonferma li l-vettura in kwistjoni tappartjeni lil Ahmad Kasem.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma ghandhiex ghalfejn tixhed u li fehmet l-import tal-akkuzi moghtija fil-konfront taghha tant li stqarret li verament kienet hi li tefghat il-gebla fit-tieqa tal-karozza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt is-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' April 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghat regghat lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' April 2014.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ippruvati fuq ammissjoni tal-imputata stess ghas-sodisfazzjon taghha.

Rat illi l-imputata ghandha fedina penali netta.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 267, 279(a) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, <u>il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputata SARA STEER CHETHAM hatja tal-akkuzi u tikkundannaha multa ta' hames mitt Ewro (€ 500).</u>**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------